# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 18 ta' Gunju, 2001.**

**Numru 28**

**Citaz. Nru. 795/01GV**

**E. Calleja & Sons Limited**

**vs**

**D'Elena Decor Ltd. U Wayne Chetcuti ghal kull interess li jista' jkollu.**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi s-socjeta' attrici tissuplixxi u tbiegh artikli in konnessjoni ma' elettriku;

Premess illi bejn Awwissu u Novembru 2000 is-socjeta' attrici bieghet iu kkonsenjat artikli in konnessjoni ma' eletriku lis-Sur Wayne Chetcuti f'isem is-socjeta' konvenuta, liema artikli jiswew erbat elef, erba' mija hamsa u sittin lira Maltin u tmintax il centezmu (Lm4,465.18) (Dok. A);

Premess li minkejja d-diversi offerti li ghamlet is-socjeta' attrici sabiex jintlahaq ftehim fuq il-pagamenti (Dok. B u C), liema offerti dejjem gew rifjutati mill-konvenuti;

Premess illi l-konvenuti gew interpellati diversi drabi anke permezz ta' ittra ufficjali (Dok. D) ghall-hlas tal-imsemmija somma komplessiva ta' erbat elef, erba' mija u hamsa u sittin lira Maltin u tmintax il-centezmu (Lm4,465.18) izda huma baqghu inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Premess illi jikkonkorru l-elementi kollha rikjesti mill-artikolu 167(1) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta);

Ghaldaqstant is-socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti:

1. Tiddispensa mis-smiegh tal-kawza a tenur tal-artikolu 167(1) tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta);

2. Tiddikjara illi l-konvenuti huma debituri versus s-socjeta' attrici u ghandhom ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbat elef, erba' mija u hamsa u sittin lira Maltin u tmintax il-centezmu (Lm4,465.18) rapprezentanti s-somma dovuta mill-bejgh ta' prodotti tal-elettriku hawn fuq imsemmija;

3. Tikkundanna lill-konvenuti biex ihallsu lis-socjeta' attrici l-imsemmija somma ta' erbat elef, erba' mija u hamsa u sittin lira Maltin u tmintax il-centezmu (Lm4,465.18).

Bl-ispejjez kollha, inkluz dawk tal-ittri interpellatorji u tal-ittra ufficjali tat-23 ta' April, 2001 u tal-mandat ta' sekwestru numru 1358/01 u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat in-nota tas-socjeta’ attrici li permezz taghha cediet l-atti tal-kawza fil-konfront ta’ Wayne Chetcuti;

Semghet lil Dr. Martin Fenech kif awtorizzat mid-direttrici Helen Chetcuti li ammetta t-talba ghan-nom tal-kumpanija D’Elena Decor Ltd;

Rat in-nota tas-socjeta’ konvenuta li biha ammettiet it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tas-socjeta’ konvenuta D’Elena Decor Ltd. it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tas-socjeta’ konvenuta D’Elena Decor Ltd. tiddecidi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici kif dedotta fic-citazzjoni fil-konfront tas-socjeta’ konvenuta D’Elena Decor Ltd., bl-imghaxijiet mitluba u bl-ispejjez kontra s-socjeta’ konvenuta.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**